2024/2209

11.9.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2209

tal-5 ta' Settembru 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1423 fir-rigward ta' bidliet amministrattivi u minuri fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "Hydrogen Peroxide Family 1"

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Ottubru 2022, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1423 ([2]) ta awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru EU-0024303-0000 lil Ecolab Deutschland GmbH għat-tqegħid tal-familja tal-prodotti bijoċidali "Hydrogen Peroxide Family 1" fis-suq u għall-użu tagħha.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 ([3]) jistabbilixxi r-regoli proċedurali għall-kategoriji differenti ta' bidliet imsemmija fl-Artikolu 50(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Malli tirċievi opinjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") dwar applikazzjoni minn detentur ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni, li titlob biex tinbidel kwalunkwe informazzjoni sottomessa fl-applikazzjoni inizjali għall-awtorizzazzjoni, il-Kummissjoni trid tiddeċiedi jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19 jew, fejn rilevanti, tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, għadhomx issodisfati u jekk hemmx il-ħtieġa li jiġu emendati t-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni.

(3) Fit-28 ta' Settembru 2022, Ecolab Deutschland GmbH bagħtet notifika lill-Aġenzija, f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, rigward bidliet amministrattivi lill-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "Hydrogen Peroxide Family 1", kif imsemmi fit-Titolu 1 tal-Anness ta' dak ir-Regolament. Ecolab Deutschland GmbH ipproponiet iż-żieda ta' ismijiet kummerċjali għal ħames prodotti bijoċidali tal-familja, iż-żieda ta' erba' manifatturi tal-prodotti u bidla fid-dettalji amministrattivi ta' tnejn mill-manifatturi tal-prodotti. In-notifika ġiet irreġistrata bin-numru tal-każ BC-RU080137-08 fir-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali ("ir-Reġistru").

(4) Fit-13 ta' Ottubru 2022, Ecolab Deutschland GmbH bagħtet applikazzjoni oħra lill-Aġenzija, f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, għal bidla minuri lill-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "Hydrogen Peroxide Family 1", kif imsemmi fit-Titolu 2 tal-Anness ta' dak ir-Regolament. Ecolab Deutschland GmbH applikat għall-estensjoni tal-ħajja tal-ħżin minn sitt xhur għal 18-il xahar għall-prodotti fil-metasommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali (SPC) 8. L-applikazzjoni ġiet irreġistrata fir-Reġistru bin-numru tal-każ BC-SX080682-96.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1423 tat-22 ta' Lulju 2022 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "Hydrogen Peroxide Family 1" (ĠU L 222, 26.8.2022, p. 1; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1423/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 tat-18 ta' April 2013 dwar bidliet tal-prodotti bijoċidali awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 4; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/354/oj).

(5) Fil-5 ta' Diċembru 2022, Ecolab Deutschland GmbH bagħtet applikazzjoni oħra lill-Aġenzija, f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, għal bidla minuri lill-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "Hydrogen Peroxide Family 1". F'dik l-applikazzjoni Ecolab Deutschland GmbH talab għaż-żieda ta' diversi materjali tal-imballaġġ u daqsijiet tal-imballaġġ għall-prodotti fil-meta SPC 1, 5 u 11, iż-żieda ta' materjal ġdid għall-wipes għall-prodotti fil-meta SPC 1 u t-tneħħija ta' materjal tal-imballaġġ wieħed għall-prodotti fil-meta SPC 1. L-applikazzjoni ġiet irreġistrata fir-Reġistru bin-numru tal-każ BC-SR082474-07.

(6) Fl-4 ta' Novembru 2022, l-Aġenzija ssottomettiet opinjoni ([4]) lill-Kummissjoni dwar il-bidliet amministrattivi nnotifikati lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, flimkien ma' sommarju rivedut tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali. L-opinjoni tikkonkludi li l-emendi fl-awtorizzazzjoni eżistenti mitluba mid-detentur tal-awtorizzazzjoni jaqgħu taħt l-Artikolu 3(1), il-punt (aa), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, u li wara l-implimentazzjoni tal-bidliet, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament ikunu għadhom issodisfati.

(7) Fil-11 ta' Ottubru 2023, l-Aġenzija ssottomettiet l-opinjonijiet tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali ([5]) dwar l-applikazzjonijiet għall-bidliet minuri lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 12(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, flimkien ma' sommarju rivedut tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali u rapport tal-valutazzjoni rivedut. Iż-żewġ opinjonijiet jikkonkludu li wara l-implimentazzjoni tal-bidliet, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 ikunu għadhom issodisfati.

(8) Fl-10 ta' Novembru 2023, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni s-sommarju rivedut tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "Hydrogen Peroxide Family 1" fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, li jkopri l-bidliet amministrattivi u minuri kollha li saret applikazzjoni għalihom, f'konformità mal-Artikolu 11(6) u mal-Artikolu 12(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013.

(9) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjonijiet tal-Aġenzija u għalhekk tqis li huwa xieraq li tiġi emendata l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "Hydrogen Peroxide Family 1" biex tintroduċi l-bidliet amministrattivi u minuri mitluba minn Ecolab Deutschland GmbH.

(10) Ħlief għall-emendi rigward il-bidliet amministrattivi u minuri, l-informazzjoni l-oħra kollha inkluża fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ta' "Hydrogen Peroxide Family 1" kif stabbilit fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1423, tibqa' l-istess.

(11) Sabiex tissaħħaħ iċ-ċarezza u jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-utenti u tal-partijiet interessati għall-verżjoni konsolidata finali tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali li għandha tiġi ppubblikata mill-Aġenzija, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1423 jiġi sostitwit fl-intier tiegħu.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1423 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1423 huwa sostitwit bit-test tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([4]) ECHA Opinion of 4 November 2022 on the administrative change of the Union authorisation of the biocidal product family Hydrogen Peroxide Family 1, Opinion N° UAD-C-1622642-38-00/F, https://echa.europa.eu/documents/10162/3443008/opinion_for_ua-admin_changes_bc-ru080137-08_en.pdf/469baca4-81c1-8874-38b5-9c2527e91b22?t=1686113940831.

([5]) Opinion of the Biocidal Products Committee of 10 October 2023 on the minor change to the Union authorisation of the biocidal product family 'Hydrogen Peroxide Family 1', ECHA/BPC/398/2023, https://echa.europa.eu/documents/10162/79839763/hydrogen_peroxide_fam1_ua_mic_bc_SX080682_96_final_bpc_opinion_en.pdf/cd4031f2-7320-012f-abf1-f2a3cde1b836?t=1714715369299, and Opinion of the Biocidal Products Committee of 10 October 2023 on the minor change to the Union authorisation of the biocidal product family 'Hydrogen Peroxide Family 1', ECHA/BPC/399/2023, https://echa.europa.eu/documents/10162/3443008/hydrogen_peroxide_fam1_ua_mic_bc_SR082474_07_final_bpc_opinion_en.pdf/f2800274-60a5-ec70-011b-57a6ab561b7e?t=1714716331548.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal familja ta' prodotti bijoċidali

Hydrogen Peroxide Family 1

Tip(i) ta' prodott

PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

PT03: Iġjene veterinarja

PT01: Iġjene tal-bniedem

Numru tal-awtorizzazzjoni EU-0024303-0000

Numru tal-assi R4BP EU-0024303-0000

Part I.

L-EWWEL LIVELL TA' INFORMAZZJONI

Chapter 1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Kunjom**

Isem	Hydrogen Peroxide Family 1

1.2. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf PT03: Iġjene veterinarja PT01: Iġjene tal-bniedem

1.3. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	Ecolab Deutschland GmbH
	Indirizz	Ecolab Allee 1 40789 Monheim am Rhein DE
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0024303-0000	
Numru tal-assi R4BP	EU-0024303-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	Il-15 ta' Settembru 2022	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	Il-31 ta' Awwissu 2032	

1.4. **Manifattur(i) tal-prodott**

Isem tal-manifattur	Ecolab Europe GmbH
Indirizz tal-manifattur	Richtistrasse 7 8304 Wallisellen L-Iżvizzera
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Europe GmbH site 1 A.F.P. GmbH Otto-Brenner-Straße 16 21337 Lüneburg Il-Ġermanja Ecolab Europe GmbH site 2 ACIDEKA S.A. Edificio Feria. Capuchinos de Basurto 6, 4a planta 48013 Bilbao. Bizkaia Spanja

	Ecolab Europe GmbH site 3 ADIEGO HNOS CTRA DE VALENCIA, KM 5,900 50410 CUARTE DE HUERVA (ZARAGOZA) 50410 Zaragoza Spanja
	Ecolab Europe GmbH site 4 ALLIED PRODUCTS Allied Hygiene Unit 11, Belvedere Industrial Estate Fishers Way DA17 6BS Belvedere, Kent Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
	Ecolab Europe GmbH site 5 Arkema GmbH Morschheimer Srtrasse 19 D-67292 Krichheimbolanden Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 6 AZELIS DENMARK Lundtoftegårdsvej 95 2800 Kgs. 2800 Kgs Lyngby Id-Danimarka
	Ecolab Europe GmbH site 7 Belinka Zasavska Cesta 95 1001 Ljubljana Is-Slovenja
	Ecolab Europe GmbH site 8 BENTUS LABORATORIES LTD. RUSSIA, 105005, MOSCOW, RADIO STREET, 24 BLD.1 105005 Moska Il-Federazzjoni Russa
	Ecolab Europe GmbH site 9 BIO PRODUCTIONS 72 VICTORIA ROAD, VICTORIA INDUSTRIAL ESTATE, BURGESS HILL, WEST SUSSEX RH159LH Burgess Hill Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
	Ecolab Europe GmbH site 10 BIOXAL SA Route des Varennes - Secteur A – BP 30072 71103 Chalon sur Saône Cedex Franza
	Ecolab Europe GmbH site 11 Bores Srl Via Pioppa, 179 44020 Pontegradella L-Italja
	Ecolab Europe GmbH site 12 BRENNTAG ARDENNES Route de Tournes CD n 2 FR-08090 FR-08090 Cliron Franza
	Ecolab Europe GmbH site 13 BRENNTAG CEE - GUNTRAMSDORF Brenntag CEE GmbH Mixing / Blending Bahnstr. 13 A-2353 Guntramsdorf L-Awstrija
	Ecolab Europe GmbH site 14 BRENNTAG Duisburg/Glauchau/Hamburg/Heilbronn Brenntag GmbH Humboldtring 15 45472 Muehlheim Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 15 BRENNTAG Kaiserslautern Brenntag Merkurstr. 47 67663 Kaiserslautern Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 16 BRENNTAG Kleinkarlbach/Lohfelden Brenntag GmbH Humboldtring 15 45472 Muehlheim Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 17 BRENNTAG Nordic - HASLEV Høsten Teglværksvej 47 4690 Haslev Id-Danimarka
	Ecolab Europe GmbH site 18 Brenntag Nordic, Strandgade 35 7100 Vejle Id-Danimarka
	Ecolab Europe GmbH site 19 BRENNTAG Normandy Brenntag Normandie 12 Sente des Jumelles - BP 11 76710 76710 Montville Franza
	Ecolab Europe GmbH site 20 BRENNTAG PL -Zgierz ul. Kwasowa 5 95-100 Zgierz Il-Polonja
	Ecolab Europe GmbH site 21 Brenntag Quimica S.A. - Madrid. Calle Gutemberg nº 22,.Poligono Industrial El Lomo 28906 Madrid Spanja
	Ecolab Europe GmbH site 22 BRENNTAG Schweizerhall Brenntag Schweizerhall AG Elsaesserstr. 231 CH-4056 Basel L-Iżvizzera
	Ecolab Europe GmbH site 23 Budich International GmbH Dieselstrasse 10 32120 Hiddenhause Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 24 Caldic Deutschland Chemie B.V Caldic Deutschland GmbH & Co.Kg Am Karlshof 10 D 40231 Dusseldorf Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 25 Carbon Chemicals Group Ltd, Ringaskiddy P43 R772 Il-Kontea ta' Cork L-Irlanda
	Ecolab Europe GmbH site 26 COLEP BAD SCHMIEDEBERG ColepCCL Bad Schmiedeberg GmbH Kemberger Str. 3 06905 Bad Schmiedeberg Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 27 COMERCIAL FARMACEUTICA CASTEL: LANA, S.A. "COFARCAS" Condado de Treviño, 46 P.I. Villalonquejar 09080 – BURGOS 09080 Burgos Spanja

	Ecolab Europe GmbH site 28 COMERCIAL GODO França, 13 08700 – IGUALADA (BARCELONA) 08700 BARĊELLONA Spanja
	Ecolab Europe GmbH site 29 COURTOIS SARL ZA SOUS LE BEER Route de Pacy 27730 BUEIL Franza
	Ecolab Europe GmbH site 30 DAN MOR (DR WIPE) DAN-MOR Natural Products and Chemicals Ltd. Or Akiva Industrial Zone 30600 Akiva Industrial Zone Iżrael
	Ecolab Europe GmbH site 31 Denteck BV Heliumstraat 8 2718 SL ZOETERMEER In-Netherlands
	Ecolab Europe GmbH site 32 DETERGENTS BURGUERA DETERGENTS BURGUERA, S.L. Joan Ballester 50 07630 CAMPOS (IL-GŻEJJER BALEARIĊI) Spanja
	Ecolab Europe GmbH site 33 ECL Biebesheim NLC Biebesheim Justus-von-Liebig-Straße 11 64584 Biebesheim am Rhein Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 34 ECL Celra NALCO - Celra C/ Tramuntana s/n Poligona Industrial Celra 17460 Girona Spanja
	Ecolab Europe GmbH site 35 ECL Châlons AVENUE DU GENERAL PATTON 51000 CHALONS EN CHAMPAGNE Franza
	Ecolab Europe GmbH site 36 ECL Cisterna Nalco Italiana Manufacturing Srl.Via Ninfina II 04012 Cisterna di Latina L-Italja
	Ecolab Europe GmbH site 37 ECL Fawley NLC Fawley Cadland Road, Hythe, SO45 3NP Southampton, Hampshire Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
	Ecolab Europe GmbH site 38 ECL Leeds ECOLAB Lotherton Way Garforth Leeds LS25 2JY LS25 2JY Leeds Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
	Ecolab Europe GmbH site 39 ECL Mandra 25TH KM OLD NATIONAL ROAD OF ATHENS TO THIVA, GR 19600 GR 19600 ATENI Il-Greċja
	Ecolab Europe GmbH site 40 ECL Maribor Vajngerlova 4, SI-2001 Maribor SI-2001 Maribor Is-Slovenja
	Ecolab Europe GmbH site 41 ECL MICROTEK BV MICROTEK MEDICAL B.V. GESINKKAMPSTRAAT 19, 7051 HR, VARSSEVELD 7051 HR VARSSEVELD In-Netherlands
	Ecolab Europe GmbH site 42 ECL MICROTEK MOSTA SORBONNE CENTRE, F20 MOSTA TECHNOPARK, MOSTA MST 3000 MOSTA Malta
	Ecolab Europe GmbH site 43 ECL Nieuwegein BRUGWAL 11 A, 3432 NZ NIEUWEGEIN 3432 NZ NIEUWEGEIN In-Netherlands
	Ecolab Europe GmbH site 44 ECL Rovigo Esoform Esoform S.p.A. Laboratorio Chimico Farmaceutico Viale del Lavoro 10 45100 Rovigo L-Italja
	Ecolab Europe GmbH site 45 ECL Rozzano Via A. Grandi, 20089 Rozzano MI 20089 Rozzano L-Italja
	Ecolab Europe GmbH site 46 ECL Tesjoki NLC Tesjoki Kivikummuntie 1, Tesjoki 07955 Tesjoki Il-Finlandja
	Ecolab Europe GmbH site 47 ECL Tessenderlo INDUSTRIEZONE RAVENSHOUT 4 3980 Tessenderlo Il-Belġju
	Ecolab Europe GmbH site 48 Ecolab Ltd Baglan/Swindon, Plot 7a Baglan Energy Park, Baglan, Port Talbot SA11 2HZ Port Talbot Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
	Ecolab Europe GmbH site 49 EXTRUPLAST ZI Fief du Passage 56 rue Robert Geffré 17000 La Rochelle Franza
	Ecolab Europe GmbH site 50 Ferdinand Eimermacher GmbH & Co. KG Westring 24 48356 Nordwalde Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 51 F.E.L.T. BP 64 10 rue du Vertuquet 59531 NEUVILLE EN FERRAIN Franza

	Ecolab Europe GmbH site 52 Gallows Green Services Ltd. Cod Beck Mill Industrial Estate Dalton Lane YO7 3HR Thirsk North Yorkshire Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
	Ecolab Europe GmbH site 53 GERDISA GERMAN RGUEZ DROGAS IND Gerdisa Polígono Industrial Miralcampo parc.37 19200 Azuqueca de Henares Guadalajara Spanja
	Ecolab Europe GmbH site 54 GIRASOL NATURAL PRODUCTS BV De Veldoven 12-14 3342 GR Hendrik-Ido-Ambacht 3342 GR Hendrik-Ido-Ambacht In-Netherlands
	Ecolab Europe GmbH site 55 HENKEL ENGELS Henkel Engels 413116 Engels Prospekt StroiTel ei Russia 413116 Engels Il-Federazzjoni Russa
	Ecolab Europe GmbH site 56 Imeco GmbH & Co. KG Boschstraße 5 D-63768 Hösbach Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 57 INTERFILL LLC-TOSNO INTERFILL LLC 187000, Moskovskoye shosse 1 187000 Tosno - Leningradskaya Il-Federazzjoni Russa
	Ecolab Europe GmbH site 58 JODEL - PRODUCTOS QUIMICOS Jodel Zona Industrial 2050 Aveiras de Cima 2050 Aveiras de Cima Il-Portugall
	Ecolab Europe GmbH site 59 Kleinmann GmbH Am Trieb 13 72820 Sonnenbühl Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 60 Kompak Nederland B.V. Ambachtsweg 4, 4854 MK, Bavel In-Netherlands
	Ecolab Europe GmbH site 61 La Antigua Lavandera SL LA ANTIGUA LAVANDERA, S.L. Ctra. Antigua Sevilla-Alcalá Km.1,5 (SE-410) Apartado de Correos, 58 41500 Seville Spanja
	Ecolab Europe GmbH site 62 LABORATOIRES ANIOS Pavé du moulin 59260 Lille-Hellemmes Franza
	Ecolab Europe GmbH site 63 LABORATOIRES ANIOS 3330 Rue de Lille 59262 Sainghin-en-Mélantois Franza
	Ecolab Europe GmbH site 64 LICHTENHELDT GmbH Lichtenheldt Industriestrasse 7-9 23812 Wahlstedt Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 65 Lonza GmbH Morianstr.32 42103 Wuppertal Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 66 McBride SA Polígon Industrial L'Illa C / Ramon Esteve, 20- 22 08650 Sallent Spanja
	Ecolab Europe GmbH site 67 Multifill BV Constructieweg 25-A 3641 SB Mijdrecht 3641 Mijdrecht In-Netherlands
	Ecolab Europe GmbH site 68 NOPA NORDISK PARFUMERIVARE Nordisk Parfumerivarefabrik A/S Hvedevej 2-22 DK-8900 Randers Id-Danimarka
	Ecolab Europe GmbH site 69 PAL INTERNATIONAL LTD Pal International Ltd. Sandhurst Street, Oadby Leicester Leicester Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
	Ecolab Europe GmbH site 70 Planol GmbH Maybachstr. 17 63456 Hanau Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 71 Plum A/S Frederik Plums Vej 2 DK 5610 Assens Id-Danimarka
	Ecolab Europe GmbH site 72 PRODUCTOS LC LA CORBERANA, S.L. Crta. Corbera – Polinyá 46612 Valencia Spanja
	Ecolab Europe GmbH site 73 THE PROTON GROUP LTD Ripley Drive, Normanton Industrial Estate WF6 1QT Wakefield Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
	Ecolab Europe GmbH site 74 QUIMICAS MORALES, S.L. Misiones, 11 - Urb. El Sebadal 05005 LAS PALMAS DE GRAN CANARIA Spanja
	Ecolab Europe GmbH site 75 RNM PRODUCTOS QUIMICOS RNM - Produtos Quimicos, Lda Rua da Fabrica, 123 4765-080 Segade Il-Portugall
	Ecolab Europe GmbH site 76 ROQUETTE & BARENTZ Roquette Freres Route De La Gorgue F-62136 Lestrem Franza

	Ecolab Europe GmbH site 77 RUTPEN LTD MEMBURY AIRFIELD RG16 7TJ Lambourn Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
	Ecolab Europe GmbH site 78 SOLIMIX Solimix Montseny 17-19 Pol. Ind. Sant Pere Molanta 08799 Barċellona Spanja
	Ecolab Europe GmbH site 79 Staub & Co. – Silbermann GmbH , Industriestraße 3 D-86456 Gablingen Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 80 Stockmeier Chemie Eilenburg GmbH & Co. KG Gustav-Adolf-Ring 5 04838 Eilenburg Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 81 SYNERLOGIC BV (- IN2FOOD) Synerlogic BV afd. L.J. Costerstraat 5 6827 ARNHEM In-Netherlands
	Ecolab Europe GmbH site 82 Univar Ltd, Argyle House, Epsom Avenue SK9 3RN Wilmslow Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
	Ecolab Europe GmbH site 83 Univar SPA Via Caldera 21 20-153 Milan Milan L-Italja
	Ecolab Europe GmbH site 84 van Dam Bodegraven B.V Postbus 48 NL 2410 AA Bodegraven In-Netherlands
	Ecolab Europe GmbH site 85 Laboratoires Prodene Klint Rue Denis Papin, 2 Z.I. Mitry Compans F-77290 Mitry Mory F-77290 Mitry Mory Franza
	Ecolab Europe GmbH site 86 Simagec Z.I. de Rousset / Peynier, 54 Avenue de la Plaine 13790 Rousset Franza
	Ecolab Europe GmbH site 87 INNOVATE GmbH, Innovate GmbH Am Hohen Stein 11 06618 Naumburg Il-Ġermanja
	Ecolab Europe GmbH site 88 Sima Pharma, 54 Avenue de la Plaine, ZI 13106 Rousset Cedex Franza
	Ecolab Europe GmbH site 89 Techtex (Technical Textile Services Ltd) Units 7 & 8, Rhodes Business Park, Silburn Way, Middleton, M24 4NE Manchester Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
	Ecolab Europe GmbH site 90 Helico B.V. Hoogschaijksestraat 31 5374 EC Schaijk In-Netherlands
	Ecolab Europe GmbH site 91 INCARE BV Keizersveld 99 5803 AP Venray In-Netherlands
	Ecolab Europe GmbH site 92 ECL Mullingar Ecolab Ltd (IE). Forrest Park Zone C Mullingar Industrial Estate Mullingar Co. Westmeath Westmeath L-Irlanda
	Ecolab Europe GmbH site 93 ECL Mullingar. Ecolab Manufacturing IE Ltd (IE) Forest Park, Zone C Mullingar Ind. Estate N91 Mullingar, Co. Westmeath Westmeath L-Irlanda
	Ecolab Europe GmbH site 94 ECL Weavergate Site: Nalco Manufacturing Limited, Winnington Avenue, CW8 3AA Northwich, Cheshire (Postal Address: PO Box 11, Winnington Avenue, Northwich, Cheshire CW8 4DX) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
	Ecolab Europe GmbH site 95 ECL Weavergate, Ecolab Ltd (UK) Winnington Avenue CW8 3AA Northwich, Cheshire Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
	Ecolab Europe GmbH site 96 ECL Weavergate, Ecolab Manufacturing UK Ltd (UK) Winnington Avenue CW8 3AA Northwich, Cheshire Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

1.5. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	Evonik Degussa Antwerpen NV
Indirizz tal-manifattur	Tijsmanstunnel West 2040 Antwerp Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	Evonik Degussa Antwerpen NV site 1 Tijsmanstunnel West 2040 Antwerp Il-Belġju

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	Evonik Degussa GmbH
Indirizz tal-manifattur	Untere Kanalstr. 3 79618 Rheinfelden Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Evonik Degussa GmbH site 1 Untere Kanalstr. 3 79618 Rheinfelden Il-Ġermanja

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	Evonik Peroxid GmbH
Indirizz tal-manifattur	Industriestraβe 1 9721 Weiβenstein L-Awstrija
Post ta' siti ta' manifattura	Evonik Peroxid GmbH site 1 Industriestraβe 1 9721 Weiβenstein L-Awstrija

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	Evonik Peroxide Netherlands BV
Indirizz tal-manifattur	Oosterhorn 14 9936 HD Farmsum In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	Evonik Peroxide Netherlands BV site 1 Oosterhorn 14 9936 HD Farmsum In-Netherlands

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	Belinka Perkemija D.O.O
Indirizz tal-manifattur	Zasavska cesta 95 1231 Ljubljana-Črnuče Is-Slovenja
Post ta' siti ta' manifattura	Belinka Perkemija D.O.O site 1 Zasavska cesta 95 1231 Ljubljana-Črnuče Is-Slovenja

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	Solvay Chemie SA
Indirizz tal-manifattur	Rue Solvay 39 B-5190 Jemeppe-sur-Sambre Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	Solvay Chemie SA site 1 Rue Solvay 39 B-5190 Jemeppe-sur-Sambre Il-Belġju

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	Solvay Chimica Italia S.p.A
Indirizz tal-manifattur	Via Piave 6 I-57013 Rosignano Solvay LI L-Italja
Post ta' siti ta' manifattura	Solvay Chimica Italia S.p.A site 1 Via Piave 6 I-57013 Rosignano Solvay LI L-Italja

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	Solvay Chemicals GmbH
Indirizz tal-manifattur	Köthensche Strasse 1-3 D-06406 Bernburg Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Solvay Chemicals GmbH site 1 Köthensche Strasse 1-3 D-06406 Bernburg Il-Ġermanja

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	Solvay Interox Limited
Indirizz tal-manifattur	Baronet Road WA4 6HB Warrington Cheshire Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Solvay Interox Limited site 1 Baronet Road WA4 6HB Warrington Cheshire Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	Solvay Chemicals Finland OY
Indirizz tal-manifattur	Yrjonojantie 2 45910 Voikkaa Il-Finlandja
Post ta' siti ta' manifattura	Solvay Chemicals Finland OY site 1 Yrjonojantie 2 45910 Voikkaa Il-Finlandja

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	Solvay Interox Produtos Peroxidados SA
Indirizz tal-manifattur	Rua Eng. Clement Dumoulin P-2625-106 Povoa de Santa Iria Il-Portugall
Post ta' siti ta' manifattura	Solvay Interox Produtos Peroxidados SA site 1 Rua Eng. Clement Dumoulin P-2625-106 Povoa de Santa Iria Il-Portugall

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	Kemira Rotterdam BV
Indirizz tal-manifattur	Moezelweg 151 3198 LS Europoort Rotterdam In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	Kemira Rotterdam BV site 1 Moezelweg 151 3198 LS Europoort Rotterdam In-Netherlands

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	Kemira Chemical Oy
Indirizz tal-manifattur	Typpitie PL 171 90101 Oulu Il-Finlandja
Post ta' siti ta' manifattura	Kemira Chemical Oy site 1 Typpitie PL 171 90101 Oulu Il-Finlandja

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	Kemira Kemi AB
Indirizz tal-manifattur	Industrigatan 83 25109 Helsingborg L-Iżvezja
Post ta' siti ta' manifattura	Kemira Kemi AB site 1 Industrigatan 83 25109 Helsingborg L-Iżvezja

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	ARKEMA France – USINE DE JARRIE
Indirizz tal-manifattur	Route National 85, BP 1 38560 JARRIE Franza
Post ta' siti ta' manifattura	ARKEMA France – USINE DE JARRIE site 1 Route National 85, BP 1 38560 JARRIE Franza

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	ARKEMA GMBH – NIEDERLASSUNG LEUNA
Indirizz tal-manifattur	Am Haupttor, Bau 2410 06237 LEUNA Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	ARKEMA GMBH – NIEDERLASSUNG LEUNA site 1 Am Haupttor, Bau 2410 06237 LEUNA Il-Ġermanja

Sustanza attiva	Perossidu tal-idroġenu
Isem tal-manifattur	Ecolab Europe GmbH
Indirizz tal-manifattur	Ecolab-Allee 1 40789 Monheim am Rhein Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Europe GmbH site 1 Ecolab-Allee 1 40789 Monheim am Rhein Il-Ġermanja

Chapter 2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-FAMILJA TAL-PRODOTT U FORMULAZZJONI**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-familja**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Perossidu tal-idroġenu		sustanza attiva	7722-84-1	231-765-0	1 - 36,75 % (w/w)
N-propanol	Propan-1-ol	Sustanza mhux attiva	71-23-8	200-746-9	0 - 17,5 % (w/w)
Monoidrat tal-aċidu ċitriku	2-hydroxy-propane-1,2,3-tricarboxylic acid	Sustanza mhux attiva	5949-29-1	201-069-1	0 - 0,9 % (w/w)
Phenoxyethanol	2-Phenoxyethanol	Sustanza mhux attiva	122-99-6	204-589-7	0 - 0,9 % (w/w)
Sodium lauryl Sulphate	Sodium dodecyl sulphate	Sustanza mhux attiva	151-21-3	205-788-1	0 - 3,88 % (w/w)
L-Glutamic acid, N-coco acyl derivs., imluħa tal-monosodju	Sodju;(4S)-4-amino-5-hydroxy-5-oxopentanoate	Sustanza mhux attiva	68187-32-6	269-087-2	0 - 2 % (w/w)
Sulfuric acid, mono-C12-14-alkyl esters, mluħa tal-ammonju (Texapon ALS)	Sulfuric acid, mono-C12-14-alkyl esters, mluħa tal-ammonju	Sustanza mhux attiva	90583-11-2	292-209-0	0 - 1,12 % (w/w)

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Phosphoric acid	Aċidu orto-fosforiku	Sustanza mhux attiva	7664-38-2	231-633-2	0 - 1,5 % (w/w)
Aċidu nitriku	Aċidu nitriku	Sustanza mhux attiva	7697-37-2	231-714-2	0 - 3,71 % (w/w)
Alkoħol EO esteri tal-fosfat	Poly (oxy-1,2-ethanediyl), .alpha.-hydro-.omega.-hydroxy-, mono-C8-10-alkyl ethers, fosfati	Sustanza mhux attiva	68130-47-2		0 - 14,625 % (w/w)
Alkylpolyglycoside C8-C10	(3R,4S,5S,6-R)-2-decoxy-6-(hydroxymethyl)oxane-3,4,5-triol	Sustanza mhux attiva	68515-73-1	500-220-1	0 - 6,35 % (w/w)
Alkoħols, C10-C16 ethoxylated propoxylated (Dehydol 980)	Alkoħols, C10-C16 ethoxylated propoxylated	Sustanza mhux attiva	69227-22-1		0 - 3 % (w/w)
Capryleth-9 Carboxylic acid (taħlita ta' alkyl ether carboxylic acid)	Poly (oxy-1,2-ethanediyl), .alpha.-(carboxymethyl)-.omega.-(octyloxy)-(4-11 EO)	Sustanza mhux attiva	53563-70-5		0 - 2,15 % (w/w)
Hexeth-4 Carboxylic Acid (taħlita ta' alkyl ether carboxylic acid)	Poly (oxy-1,2-ethanediyl), .alpha.-(carboxymethyl)-.omega.-(hexyloxy)- (3 EO)	Sustanza mhux attiva	105391-15-9		0 - 0,62 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni**

Tip(i) ta' formulazzjoni	AL Kwalunkwe likwidu ieħor GW Ġell li jinħall fl-ilma SL Konċentrat li jinħall

Part II.

IT-TIENI LIVELL TA' INFORMAZZJONI META SPC(S)

Chapter 1. **META SPC 1 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 1 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: META SPC 1

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-1

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

Chapter 2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 1**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 1**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Perossidu tal-idroġenu		sustanza attiva	7722-84-1	231-765-0	6 - 6,6 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 1**

Tip(i) ta' formulazzjoni	AL Kwalunkwe likwidu ieħor

Chapter 3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 1**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H319: Jagħmel irritazzjoni serja għall-għajnejn.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P264: Aħsel idejk sew wara li tużah. P280: Ilbes protezzjoni għall-għajnejn. P280: Ilbes protezzjoni għall-wiċċ. P305+P351+P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ. P337+P313: Jekk l-irritazzjoni ta' l-għajnejn tippersisti: Ikkonsulta tabib.

Chapter 4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Table 1.

Dinfezzjoni tal-kmamar iġjeniċi tax-xjenzi tal-ħajja bl-isprejjar bl-użu ta' sprejjer bil-grillu u mesħa xott

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Bakterja Isem komuni: Bakterja Istadju iżvilupp: Ebda data Isem xjentifiku: Ħmejjer Isem komuni: Ħmejjer Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Fungi Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Viruses Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Spori batterjoloġċi Isem komuni: Spori batterjoloġċi Istadju iżvilupp: l-ebda data
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sprejjar bl-użu ta' sprejjer bi grillu u msiħ xott Deskrizzjoni dettaljata: Diżinfezzjoni ta' uċuħ żgħar, materjali u tagħmir fi kmamar iġjeniċi tax-xjenzi tal-ħajja, ikklassifikati bħala grad A sa D skont il-klassifikazzjoni tal-UE tal-Prassi Tajba ta' Manifattura (PTM), u l-ambjenti ta' appoġġ. Ħinijiet ta' kuntatt għall-isprejjar f'20°C f'kundizzjonijiet nodfa: — 15 min għal batterji u l-fungi; — 5 min għal ħmejjer; — 60 min għal viruses u spori batterjoloġiċi. Ħinijiet ta' kuntatt għall-isprejjar u l-imsieħ f'20°C f'kundizzjonijiet nodfa: — 5 min għal batterji, ħmejjer u fungi; — 60 min għal viruses u spori batterjoloġiċi.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Rata ta' applikazzjoni: 10 ml/m^2 Dilwizzjoni (%): Prodott lest biex jintuża (RTU) Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza t'applikazzjoni: sa 2 darbiet kull jum kull kamra
Kategorija/i ta' utenti	professjonali

Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Flixkun tal-Polietilen ta' Densità Għolja (HDPE) jew tal-Polietilen (PE) li jipprekludi d-dawl, 1-5 l Flixkun tal-isprej tal-Polipropilen u Polietilen (PP+PE) li jipprekludi d-dawl, 0,5-5 l

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Għall-aqwa riżultati żomm il-flixkun wieqaf u sprejja minn distanza ta' minn 10 ċm sa 20 ċm. Sprejja l-prodott fuq mesħa niexfa u msaħ is-superfiċji żgħar, bħal uċuħ għax-xogħol u tagħmir, jew sprejja l-prodott fuq is-superfiċje, imsaħ is-superfiċje b'mesħa nadifa, niexfa u ħallih jinxef fl-arja. Agħlaq dejjem iż-żennuna wara l-użu. Il-mesħiet użati għandhom jintremew f'reċipjent magħluq.

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

L-użu ta' protezzjoni tal-għajnejn waqt l-immaniġġjar tal-prodott huwa obbligatorju.

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu ta' meta SPC 1.

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu ta' meta SPC 1.

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu ta' meta SPC 1.

4.2. **Deskrizzjoni tal-użu**

Table 2.

Diżinfezzjoni tal-kmamar iġjeniċi tax-xjenzi tal-ħajja bil-mopp bl-użu ta' mopp ċatt u barmil

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Bakterja Isem komuni: Bakterja Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Ħmejjer Isem komuni: Ħmejjer Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Fungi Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Viruses Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Spori batterjoloġċi Isem komuni: Spori batterjoloġċi Istadju iżvilupp: l-ebda data
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa

Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Bil-mopp billi tuża mopp ċatt u barmil Deskrizzjoni dettaljata: Diżinfezzjoni tal-pavimenti fi kmamar iġjeniċi tax-xjenzi tal-ħajja, ikklassifikati bħala grad A sa D skont il-klassifikazzjoni tal-UE tal-Prassi Tajba ta' Manifattura (PTM), u l-ambjenti ta' appoġġ. Ħinijiet ta' kuntatt għall-ħasil bil-mopp f'20°C f'kundizzjonijiet nodfa: — 5 min għal batterji, ħmejjer u fungi; — 60 min għal viruses u spori batterjoloġiċi.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Rata ta' applikazzjoni: 20 ml/m^2 Dilwizzjoni (%): Prodott RTU Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza t'applikazzjoni: sa 2 darbiet kull jum kull kamra
Kategorija/i ta' utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Flixkun HDPE jew PE li jipprekludi d-dawl, 0,5-5 l

4.2.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Applika fuq is-superfiċji bil-mopp, u ħalli jinxef bl-arja.

4.2.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

L-użu ta' protezzjoni tal-għajnejn waqt l-immaniġġjar tal-prodott huwa obbligatorju.

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 10 huwa obbligatorju għall-professjonisti waqt l-applikazzjoni tal-prodott u għal professjonisti oħra li jkunu fiż-żona trattata. Mill-inqas respiratur għall-purifikazzjoni tal-arja b'elmu/kappa/maskra (TH1/TM1), jew maskra li tgħatti nofs il-wiċċ/il-wiċċ kollu b'gass tal-filtru/P2 kombinat huma meħtieġa (it-tip ta' filtru (ittra tal-kodiċi, kulur) għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni dwar il-prodott). Għal applikazzjoni ripetuta jew dħul mill-ġdid fil-kamra, il-professjonist jeħtieġ li jsegwi l-istess miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju bħal ma jagħmel għall-ewwel applikazzjoni fil-kamra.

4.2.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu ta' meta SPC 1.

4.2.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu ta' meta SPC 1.

4.2.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu ta' meta SPC 1.

4.3. **Deskrizzjoni tal-użu**

Table 3.

Diżinfezzjoni tal-kmamar iġjeniċi tax-xjenzi tal-ħajja bl-użu ta' meshiet tal-RTU mxappa

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Bakterja Isem komuni: Bakterja Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Ħmejjer Isem komuni: Ħmejjer Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Fungi Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Viruses Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Spori batterjoloġiċi Isem komuni: Spori batterjoloġiċi Istadju iżvilupp: l-ebda data
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Imsieħ bl-użu ta' mesħiet tal-RTU imxappa Deskrizzjoni dettaljata: Diżinfezzjoni ta' uċuħ żgħar, materjali u tagħmir fi kmamar iġjeniċi tax-xjenzi tal-ħajja, ikklassifikati bħala grad A sa D skont il-klassifikazzjoni tal-UE tal-Prassi Tajba ta' Manifattura (PTM), u l-ambjenti ta' appoġġ. Ħinijiet ta' kuntatt għall-imsieħ f'20°C f'kundizzjonijiet nodfa: — 5 min għal batterji, ħmejjer u fungi; — 60 min għal viruses u spori batterjoloġiċi.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Rata ta' applikazzjoni: Mesħa 1 għal kull m^2 (li jikkorispondi għal 10 ml/m^2) Dilwizzjoni (%): Prodott RTU Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza t'applikazzjoni: sa 2 darbiet kull jum kull kamra
Kategorija/i ta' utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Borża tal-PP jew PET/PE jew EVA/PP jew Aluminju/PE jew PE li tipprekludi d-dawl b'10-100 mesħa mxappa b'taħlita ta' 45% poliester / 55% ċelluloża (daqs tal-wipe: 200x200 mm) Borża tal-PP jew PET/PE jew EVA/PP jew Aluminju/PE jew PE li tipprekludi d-dawl b'10-100 mesħa mxappa b'taħlita ta' 100% poliester (daqs tal-wipe: 200x200 mm). Borża tal-PP jew PET/PE jew EVA/PP jew Aluminju/PE jew PE li tipprekludi d-dawl b'10-100 mesħa mxappa b'taħlita ta' 100% poliester (daqs tal-wipe: 300x300 mm)

4.3.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ħalli s-superfiċje tinxef fl-arja wara li tuża l-prodott. Agħlaq il-kontenitur meta ma tkunx qed tuża. Tużax mesħiet li jkunu deidrati (nixfu). Il-mesħiet użati għandhom jintremew f'reċipjent magħluq.

4.3.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Evita t-trasferiment mill-id għall-għajnejn.

4.3.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu ta' meta SPC 1.

4.3.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu ta' meta SPC 1.

4.3.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu ta' meta SPC 1.

4.4. **Deskrizzjoni tal-użu**

Table 4.

Diżinfezzjoni tal-kmamar iġjeniċi tax-xjenzi tal-ħajja bil-mopp bl-użu ta' mesħiet RTU tal-mopp imxappa

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Bakterja Isem komuni: Bakterja Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Ħmejjer Isem komuni: Ħmejjer Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Fungi Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Viruses Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Spori batterjoloġċi Isem komuni: Spori batterjoloġċi Istadju iżvilupp: l-ebda data
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Tindif bil-mopp permezz ta' mesħiet imxappa tal-mopp tal-RTU Deskrizzjoni dettaljata: Diżinfezzjoni tal-pavimenti fi kmamar iġjeniċi tax-xjenzi tal-ħajja, ikklassifikati bħala grad A sa D skont il-klassifikazzjoni tal-UE tal-Prassi Tajba ta' Manifattura (PTM), u l-ambjenti ta' appoġġ. Ħinijiet ta' kuntatt għall-ħasil bil-mopp f'20°C f'kundizzjonijiet nodfa: — 5 min għal batterji, ħmejjer u fungi; — 60 min għal viruses u spori batterjoloġiċi.

Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Rata ta' applikazzjoni: Mesħa 1 għal kull m^2 (li jikkorispondi għal 10 ml/m^2) Dilwizzjoni (%): Prodott RTU Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza t'applikazzjoni: sa 2 darbiet kull jum kull kamra
Kategorija/i ta' utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Borża tal-PP jew PET/PE jew EVA/PP jew Aluminju/PE jew PE li tipprekludi d-dawl b'10-100 mesħa mxappa b'taħlita ta' 45% poliester / 55% ċelluloża (daqs tal-wipe: 420x250 mm). Borża tal-PP jew PET/PE jew EVA/PP jew Aluminju/PE jew PE li tipprekludi d-dawl b'10-100 mesħa mxappa b'taħlita ta' 100% poliester (daqs tal-wipe: 300x300 mm).

4.4.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ħalli s-superfiċje tinxef fl-arja wara li tuża l-prodott. Agħlaq il-kontenitur meta ma tkunx qed tuża. Tużax mesħiet li jkunu deidrati (nixfu). Il-mesħiet użati għandhom jintremew f'reċipjent magħluq.

4.4.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Evita t-trasferiment mill-id għall-għajnejn.

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 10 huwa obbligatorju għall-professjonisti waqt l-applikazzjoni tal-prodott u għal professjonisti oħra li jkunu fiż-żona trattata. Mill-inqas respiratur għall-purifikazzjoni tal-arja b'elmu/kappa/maskra (TH1/TM1), jew maskra li tgħatti nofs il-wiċċ/il-wiċċ kollu b'gass tal-filtru/P2 kombinat huma meħtieġa (it-tip ta' filtru (ittra tal-kodiċi, kulur) għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni dwar il-prodott). Għal applikazzjoni ripetuta jew dħul mill-ġdid fil-kamra, il-professjonist jeħtieġ li jsegwi l-istess miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju bħal ma jagħmel għall-ewwel applikazzjoni fil-kamra.

4.4.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu ta' meta SPC 1.

4.4.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu ta' meta SPC 1.

4.4.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu ta' meta SPC 1.

Chapter 5. **STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU TAL-META SPC 1**

5.1. **Struzzjonijiet għall-użu**

Dejjem aqra t-tikketta jew il-fuljett qabel l-użu u segwi l-istruzzjonijiet kollha. Naddaf is-superfiċje qabel tapplika l-prodott. Il-prodott għandu jiġi applikat fuq superfiċje nadifa u niexfa. Xarrab is-superfiċje kollha bil-prodott. M'għandekx tlaħlaħ wara l-użu. M'għandekx tuża fuq superfiċji sensittivi għal aġenti ossidattivi bħall-irħam, ir-ram u ram isfar.

5.2. **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

Ara l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju speċifiċi għall-użu ta' meta SPC 1.

5.3. **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

MIŻURI TAL-EWWEL GĦAJNUNA

Jekk jidħol fl-għajnejn: Laħlaħ immedjatament b'ħafna ilma, anke taħt il-kpiepel tal-għajnejn, għal mill-inqas 15-il minuta. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ. Ikkonsulta tabib.

F'każ ta' kuntatt mal-ġilda: Laħlaħ b'ħafna ilma.

Jekk jinbela': Laħlaħ ħalqek. Ikkonsulta tabib jekk iseħħu sintomi.

Jekk jinġibed man-nifs: Ikkonsulta tabib jekk iseħħu sintomi.

MIŻURI TA' EMERĠENŻA AMBJENTALI

M'għandekx tippermetti li jsir kuntatt mal-ħamrija, ilma tal-wiċċ jew l-ilma tal-pjan.

Ikkunsidra d-dispożizzjonijiet ta' kontenitur madwar vetturi ta' ħażna.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

Prodott: Fejn huwa possibbli huwa ppreferut ir-riċiklaġġ mir-rimi jew inċinerazzjoni. Jekk ir-riċiklaġġ mhuwiex prattiku, iddisponi b'konformità mar-regolamenti nazzjonali. Iddisponi mill-iskart f'faċilità għar-rimi ta' skart approvata.

Imballaġġ ikkontaminat: Armi l-kontenitur b'konformità mar-regolamenti nazzjonali.

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Żommu 'l bogħod minn fejn jistgħu jilħquh it-tfal. Żomm il-kontenitur magħluq sewwa. Aħżen f'kontenituri ttikkettjati kif xieraq.

Temperatura tal-ħżin: 0-35°C

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott: 24 xahar

Chapter 6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Il-prodott fih il-perossidu tal-idroġenu (Nru CAS: 7722-84-1), li għalih valur ta' riferiment Ewropew ta' 1.25 mg/m³ għall-utent professjonali ġie maqbul u użat għall-istima tar-riskju ta' dan il-prodott.

Chapter 7. **IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 1**

7.1. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem/Ismijiet kummerċjali	Klercide Sporicidal Low Residue Peroxide	qasam tas-suq: UE
	Klerwipe Sporicidal Low Residue Peroxide	qasam tas-suq: UE
	ANIOS H2O2 6% IP STERILE	qasam tas-suq: UE
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0024303-0001 1-1	

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Perossidu tal-idroġenu		sustanza attiva	7722-84-1	231-765-0	6 % (w/w)

Chapter 1. **META SPC 2 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 2 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: META SPC 2

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-2

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

Chapter 2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 2**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 2**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Perossidu tal-idroġenu		sustanza attiva	7722-84-1	231-765-0	1 - 1 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 2**

Tip(i) ta' formulazzjoni	AL Kwalunkwe likwidu ieħor

Chapter 3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 2**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	

Chapter 4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Table 1.

Diżinfezzjoni ta' superfiċje żgħar u/jew kbar fl-industrija (eż. żoni tal-ikel, kmamar tal-banju) bl-isprejjar billi tuża sprejer bil-grillu u mesħa xotta u/jew bil-mopp billi tuża mopp ċatt u barmil

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Bakterja Isem komuni: Bakterja Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Ħmejjer Isem komuni: Ħmejjer Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Fungi Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: Mikobakterja Isem komuni: Mikobakterja Istadju iżvilupp: l-ebda data
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sprejjar bl-użu ta' sprejjer bi grillu u msiħ xott Deskrizzjoni dettaljata: Diżinfezzjoni ta' superfiċji żgħar fl-industrija. Ħinijiet ta' kuntatt għall-isprejjar f'20°C f'kundizzjonijiet maħmuġa: — 5 min għal batterji u ħmejjer; — 15 min għal fungi; — 60 min għal mikobaktejra. Metodu: Bil-mopp billi tuża mopp ċatt u barmil Deskrizzjoni dettaljata: Diżinfeżżjoni ta' superfiċji kbar fl-industrija. Ħinijiet ta' kuntatt għall-ħasil bil-mopp f'20°C f'kundizzjonijiet maħmuġa: — 5 min għal batterji u ħmejjer; — 15 min għal fungi; — 60 min għal mikobaktejra. Metodu: Sprejjar billi tuża sprejer bil-grillu u msiħ xott u ħasil bil-mopp billi tuża mopp ċatt u barmil Deskrizzjoni dettaljata: Diżinfezzjoni ta' superfiċji żgħar u kbar fl-industrija. Ħinijiet ta' kuntatt għall-isprejjar u l-ħasil bil-mopp f'20°C f'kundizzjonijiet maħmuġa: — 5 min għal batterji u ħmejjer; — 15 min għal fungi; — 60 min għal mikobaktejra.

Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Rata ta' applikazzjni għall-isprejjar: 10 ml/m^2 Dilwizzjoni (%): Prodott RTU Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza ta' applikazzjoni għall-isprejjar bil-grillu: sa 10 darbiet kull jum kull kamra Rata ta' applikazzjoni: Rata t'applikazzjoni b'imsiħ bil-mopp: 20 ml/m^2 Dilwizzjoni (%): Prodott RTU Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza ta' applikazzjoni bil-mopp: sa 2 darbiet kull jum kull kamra Rata ta' applikazzjoni: Rata ta' applikazzjni għall-isprejjar: 10 ml/m^2; Rata t'applikazzjoni b'imsiħ bil-mopp: 20 ml/m^2 Dilwizzjoni (%): Prodott RTU Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza ta' applikazzjoni għall-isprejjar bil-grillu u l-ħasil bil-mopp kombinat: darba kull jum kull kamra.
Kategorija/i ta' utenti	professjonali
